**2 ta' Diċembru, 1960**
**Imħallfin:—**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D., A/President;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.;**
**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

John Mary Borg

*versus*

Francesco Cutajar

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — "Hardship" — Appell.**

*Il-prinċipju legali kontenut f'deċiżjoni tal-Board tal-Kera, fis-sens li fil-konsiderazzjoni tal-"hardship" rispettiv tal-partijiet il-fatt li s-sid ikollu familja aktar minn dik tal-kerrej u jkun qiegħed f'kondizzjoni agħar minn tiegħu ma hux biżżejjed, waħdu, biex il-"hardship" jiġi kunsidrat akbar għalieh, hu sewwa.*

*U la jkun sewwa l-prinċipju legali, il-kwistjonijiet ta' fatt mhumiex sindakabbli fl-appell.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board li Jirregola l-Kera biex jiġi awtorizzat jirriprendi pussess tal-fond 48 St. Anthony Street, Attard, billi jridu għall-użu tiegħu;

Rat id-deċiżjoni ta' dak il-Board tas-7 ta' Lulju 1960, li biha ċaħad it-talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidra;

Illi r-rikorrent irid il-fond in kwistjoni biex imur joqgħod fih bil-mara u t-tliet itfal, wieħed ta' 13 il-sena . . . . . ;

L-intimat għandu familja li tikkonsisti fih, fil-mara, u tifla ta' 13 il-sena. Il-fond offert jinsab . . . . . ;

Minn din id-deskrizzjoni jidher li l-fond huwa "unsuitable" bħala daqs u bħala sura. Ir-rikorrent għandu

familja akbar, u għalhekk qiegħed f'kondizzjoni aktar ħażina minn dik tal-intimat; però, kif għallmet il-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni reċenti, il-fatt illi s-sid ikollu familja akbar minn dik tal-kerrej, u jkun qiegħed f'post iżgħar, ma hux biżżejjed biex il-"hardship" jiġi kunsidrat akbar għalieh; għaliex altrimenti, kwalunkwe fond "unsuitable" bħa'a daqs jew "character" jiġi xorta waħda mogħti lill-kerrej, non ostanti l-"unsuitability" tiegħu. F'dan il-każ, ir-rikorrent xtara l-fond "de quo" xi sentejn ilu, meta kien diġà qiegħed jabita fl-ambjent ristrett tiegħu. Però jista' dejjem isib xi post aktar adatt għall-intimat biex jieħu f'idejh il-post in kwistjoni;

Rat ir-rikors li bih l-imsemmi John Mary Borg appella minn dik id-deċiżjoni, u talab li tiġi revokata, u li t-talba tiegħu tiġi milqugħa; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Għad li huwa veru illi għad-deċiżjoni appellata jista' jingħad dak li din il-Qorti kienet qalet għar-rigward tad-deċiżjoni tal-Board fl-appell "Pace vs. Tonna' taż-17 ta' April 1959, fis-sens illi d-distinzjoni bejn l-eżami tas-"suitability" tal-"alternative accomodation" u l-eżami tal-"hardship" mhix hekk netta fid-deċiżjoni appellata kif inhu deżiderabbli, b'dan kollu fid-deċiżjoni appellata ma hemm ebda punt ta' liġi deċiż ħażin;

L-uniku prinċipju legali kontenut fid-deċiżjoni appellata huwa illi, fil-konsiderazzjoni tal-"hardship" rispettiv, il-fatt illi s-sid ikollu familja akbar minn dik tal-kerrej, u jkun qiegħed f'post iżgħar, ma hux biżżejjed, waħdu, biex il-"hardship" jiġi kunsidrat akbar għalieh. Din l-enunċjazzjoni, fiha nnfisha, ma hix affattu żbaljata; anzi taqbel, kif jingħad fid-deċiżjoni appellata, ma' dak li rriteniet din il-Qorti fis-sentenza tagħha "Pace vs. Tonna", ġa fuq ċitata. Mill-bqija il-konklużjoni li wasal fiha l-Board illi, non ostante li l-appellant għandu familja aktar numeruża minn

dik tal-appellat, u għalhekk qiegħed f'kondizzjoni aktar ħażina, b'dan kollu l-"hardship" tiegħu ma jistgħax jitqies li jkun akbar jekk it-talba tiegħu tiġi miċħuda minn dak tal-appellat kieku dik it-talba kellha tiġi milqugħa, hija sempliċi konklużjoni ta' fatt. Veru huwa illi fid-deċiżjoni appellata ma hemmx dettaljati ċ-ċirkustanzi kollha li l-Board ħa in konsiderazzjoni biex wasal għal din il-konklużjoni, iżda meħud minn dawn iċ-ċirkustanzi, jiġifieri dik illi l-appellat akkwista l-fond in kwistjoni xi sentejn ilu biss, meta kien ġa jaf li hu mikri lill-appellat, u illi hu jista' jsib xi post aktar adattat biex joffrieħ lill-appellat bħala "alternative accomodation", huma espressament imsemmija, u l-Qorti ma għandha ebda raġuni biex tippreżumi illi l-Board ma ħax in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti;

Peress illi l-prinċipju ta' liġi espress fid-deċiżjoni appellata hu, kif intqal, sewwa, u l-konklużjonijiet ta' fatt mhumiex sindakabbli minn din il-Qorti, għalhekk ma hemmx lok għall-appell;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni appellata. Bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellant.